# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Nru:2793

Kaz Nru: 3717/ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Alfred Brincat (ID 55061 M)

u

Global Security & Co.

Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip. Mgt.**

**Nhar : il-Hamis 13 ta'Jannar 2022**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Dan il-kaz gie ntavolat mill-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey permezz ta' rikors datat 24 ta' Jannar 2019, f' isem ir-rikorrent u giet ipprezentata ukoll dikjarazzjoni mir-rikorrent. Il-punti principali ta' dawn iz-zewg dokumenti huma kif gej.

It-Tribunal jinnota li ghar-rikorrent kompla jidher l-Avukat Dr Andrew Grima wara li l-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey lahaq Imhallef.

Illi r-rikorrent kien impjegat bhala *cleaner/fueller* fuq bazi *full-time* u ndefinit mis-socjeta' Malta Public Transport Services Operations Ltd, mid-19 ta' Awissu 2011.

Illi b'effett mid-9 ta' Settembru 2018, sar trasferiment tan-negozju u filwaqt li l-impjieg gie tterminat mis-socjeta' Malta Transport Services Operations Ltd, gie ngaggat mis-socjeta' ntimata Global Security & Co.

Ir-rikorrent tenna fid-dikjarazzjoni tieghu li l-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu se jibqghu l-istess skont kif gie nfurmat bil-miktub mis-socjeta Malta Transport Services Operations Ltd b'ittra data 24 ta' Awwissu 2018.

Illi s-socjeta' ntimata giet b'xi problema dwar hinijiet u shifts u keccietu hesrem fl-10 ta' Ottubru 2018 bir-raguni mghotija lilu tkun 'terminazzjoni waqt zmien ta' prova' meta ir-rikorrent allega li ma kienx.

Ir-rikorrent tenna li ma kienx fi zmien ta' prova ghax dan mhux il-kaz meta jsir *transfer of business* u li dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Att XXII tat-2002.

Illi r-rikorrent involva ukoll il-Union Haddiema Maghqudin flimkien ma' l-avukat tieghu li tawh ragun u ltaqghu mas-socjeta' ntimata u li s-Sur Mario Cardona ghas-socjeta' ntimata kien ammetta li zbalja u li kien lest jiehu lir-rikorrent lura fl-impjieg. Izda, tenna r-rikorrent, li f' dak l-istadju ma setghax javdah u jmur lura u talbu kumpens ghal tkeccija ngusta li gie rifjutat u ghaldaqstant wara pariri qed ifittex rimedju permezz ta' dan it-Tribunal.

Illi r-rikorrent ihoss illi t-tkeccija kienet wahda ngusta u llecita u li qed jitlob sabiex dan it-Tribunal jiehu konjizzjoni tar-ragunijiet provduti fit-termini tal-ligi specifikament imsemmija u jakkorda kumpens xieraq fic-cirkostanzi u skont il-ligi.

Fid-dikjarazzjoni taghha, s-socjeta' ntimata, permess ta' l-Avukat Dr Jan-Karl Farrugia ddikjarat l-ewwel li l-intimata hija s-socjeta Global Security & Co u mhux personalment is-Sur Mario Cardona u t-Tribunal ha nota ta' dan. L-isem tas-Socjeta' ukoll ried jigi aggustat minn Global & Co ghal Global Security & Co bit-Tribunal jiehu nota ta' dan ukoll. Is-Sur Mario Cardona ukoll ipprezenta dikjarazzjoni.

Illi r-rikorrent fix-xahar li hadem wera nsubordinazzjoni u atteggjament negattiv lejn il-post tax-xoghol partikolarment fuq hinijiet tax-xoghol u *'shift rosters'*.

Illi s-socjeta' ntimata kienet kelmet lil Union Haddiema Maghqudin li kienet tirraprezenta lir-rikorrent permezz tax-*shop steward* taghha s-Sur Joseph Mercieca li finalment issuggerixxa li titnizzel 'terminazzjoni waqt zmien ta' prova' bhala raguni tat-terminazzjoni biex ikun jista jirregistra ghax-xoghol.

Illi ghaldaqstant is-socjeta' ntimata tikkonferma tkeccija gusta u ghall-raguni tajba u bizzejjed skont il-ligi u li m'ghandux ikun hemm kundanna ghal xi kumpens lir-rikorrent.

Fid-dikjarazzjoni tieghu s-Sur Mario Cardona spjega li huwa il-Kap Ezekuttiv ta' Global Security & Co u li personalment ma kienx impjega lir-rikorrent u ghaldaqstant m'ghandux jidahhal b'ismu f'dan il-kaz.

Illi s-socjeta' Global Security & Co toffri servizzi tas-security u cleaning u li fit-*transfer of business* imsemmi kellha tiehu erba *cleaners*. Gara izda li minn dawn l-erba *cleaners* ir-rikorrent biss beda ma Global Security & Co. Dan gie tterminat wara azzjonijiet ripetuti ta' nsubordinazzjoni fejn jidhlu hinijiet tax-xoghol u *'shift rosters'* kif intqal fid-dikjarazzjoni ta' l-avukat u ghaldaqstant, anka wara li

s-socjeta’ hadet parir tal-Union li tirrapprezenta lir-rikorrent, itterminat l-impjieg skont il-ligi.

**Provi**

F’dawn il-proceduri xehdu, x-xhieda migjuba mill-partijiet kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra u jiddeciedi jekk it-tkeccija tar-rikorrent bir-raguni tkun terminazzjoni waqt zmien ta’ prova kienitx gusta u skont il-ligi.

It-Tribunal fela bir-reqqa d-dikjarazzjonijiet tal-kaz, ix-xhieda, d-dokumenti esibiti u ttrattazzjonijiet finali.

Il-Kaz jikkoncerna *‘Transfer of business’*. Ir-Rikorrent kien ilu seba’ snin jahdem bhala *cleaner* fuq kuntratt indefinit mal-Malta Public Transport Services Operations Ltd u fid-9 ta’ Settembru 2018 sar dan it-*transfer of business* mas-socjeta’ ntimata.

*Transfer of business* isir dejjem taht il-proceduri stabbiliti fil-ligi relatata. Dawn jinkludu li l-impjieg jibqa’ ghaddej bl-istess kundizzjonijiet mas-socjeta’ l-gdida jigiefieri l-impjieg jibqa’ kontinwu minghajr waqfien u ovvjament minghajr bzonn ta’ zmien ta’ prova.

Ir-rikorrent tkecca wara xahar minn mindu gie trasferit. Inbidlulu l-hinijiet u dan oggezzjona. Gie mkecci fuq it-*telephone* mill Kap Ezekuttiv tas-socjeta’ ntimata s-Sur Mario Cardona fuq nuqqas ta’ qbil ta’ hinijiet. Ir-rikorrent qabel kien jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha u kull xoghol fil-*weekends* ikun *overtime* u mas-socjeta’ ntimata qalulu li ried jahdem 40 siegha fuq seba’ t’ijiem skont il-bzonn. Bidla sostanzjali u l-oggezzjoni kienet naturali.

Mix-xhieda rrizulta li r-rikorrent qatt ma kellu problemi fis-seba’ snin li hadem mal-Malta Public Transport Services Operations Limited. Ms Bernardette Cachia, ufficjal ta’ din il-kumpanija qalet li r-rikorrent kien iffissat fuq it-tindif u gieli kellmuh biex ma jkunx wisq fitt halli jlahhaq ix-xoghol kollu tal-gurnata.

Is-Sur Roderick Bajada, HR Director – Malta Public Transport Services Operations Limited ikkonferma *t-transfer of business* kif ukoll ikkonferma li l-*probation* ma tezistix u li min ikun involut igorr il-kundizzjonijiet kollha ghal mal-*employer* il-gdid.

Is-Sur Joseph Mercieca, *Panel Beater* mal-Malta Public Transport Services Operations Limited u *shop steward* tal-UHM, il-Union li kienet tirraprezenta lir-

rikorrent, qal li kien jaf bl-oggezzjonijiet tar-rikorrent u tah ragun u qal lis-Sur Mario Cardona biex izomm l-istess hinijiet li kellu qabel. Xehed ukoll li mhux vera li kien involut jew ta' xi parir lis-socjeta' ntimata fuq it-terminazzjoni tar-rikorrent. Is-Sur Joseph Mercieca kkonferma li il-problema kienet biss fuq hinijiet.

Is-Sur Mario Cardona ikkonferma li kien bidel il-hinijiet minhabba vijabilita w tenna li r-rikorrent kellu kazijiet ta' nsubordinazzjoni. Fil-kontro-ezami is-Sur Mario Cardona sostna li ma gidibx li is-Sur Joseph Mercieca tah parir fuq it-terminazzjoni. Ametta li qas kien jaf x'inhuma l-kundizzjonijet tar-rikorrent. Illi s-socjeta' ma kellhiex xi forma ta' kodici ta' dixxiplina avolja kienet sa dak inhar timpjega tnejn u sebghin haddiem. Is-Sur Mario Cardona ikkonferma ukoll li ma sar l-ebda process ta' dixxiplina rigward it-tkeccija tar-rikorrent.

Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu qal li mhux vera li kien jahsel tlett karozzi tal-linja biss f' gurnata imma bejn ghaxra u tnax u verifika ta' dan kien il-*log book* tal-Malta Public Transport Services Operations Limited li kellu jigi pprezentat izda ma giex. Is-socjeta' ntimata ma kienitx tuza *logbooks*. Hu sostna li dejjem ghamel xogholu sew u b' kuxjenza. Meta kien is-Sibt, gurnata li kien hemm l-oggezzjoni fuqha, u cempel lis-Sur Mario Cardona u qallu' x'se naghmel? Nigi? ' Is-Sur Mario Cardona wiegbu 'daqshekk inti tigiex' u keccieh.

Fit-trattazzjoni s-socjeta' ntimata sostniet biex ma nintilfux fuq il-kwistjoni tal-*probation* imma importanti iktar hija l-insubordinazzjoni tar-rikorrent.

Minn naha tieghu ir-rikorrent tenna li l-*probation* ma tezistix fejn jidhol *tranfer of business*. Kien hemm problema tal-hinijiet. Oggezzjoni naturali fuq bdil wara seba' snin u li l-UHM qatt ma kienet involuta fit-terminazzjoni jew tat xi parir. Tkeccija ta' mpjieg minn fuq it-*telephone* ma tistax tigi ttollerata bla cans li r-rikorrent jiddefendi ruhu.

**Decizjoni**

It-Tribunal analizza u wizen il-fatti, x-xhieda u l-provi li hargu u dikjarazzjonijiet u trattazzjonijiet finali.

Is-socjeta' tterminat l-impjieg bir-raguni tkun terminazzjoni waqt zmien ta' prova li ma kienitx  tezizti fuq *transfer of business* u skont il-ligi. Is-socjeta' gharfet li zbaljat u pruvat iddawwar ir-raguni fuq insubordinazzjoni, jigifieri fuq dixxiplina.

Ir-rikorrent meta gie trasferit baqa' jgorr is-*seniority* li kellu mill-Malta Public Transport Services Operations Limited u baqa' jgorr il-kundizzjonijiet kollha nkluz ta'mpjieg indefinit.

L-insubordinazzjoni allegata kienet fuq bdil tal-hinijiet tax-xoghol. L-oggezzjoni tar-rikorrent kienet naturali u dan kollu gara fl-ewwel xahar tax-xoghol mas-

socjeta' ntimata. Il-Kap Ezekuttiv tas-socjeta' ntimata fix-xhieda qal 'li ma kontx naf ghal xiex diehel'.

It-Tribunal ma jistax jaccetta tali mgieba minn min ihaddem. Ikecci haddiem bir-raguni li kien fuq zmien ta' prova, ikeccieh minn fuq it-*telephone* u jipprova jdawwar li r-raguni taz-zmein ta' prova kienet zball u li kien kaz ta' insubordinazzjoni bla process dixxiplinarju u bla ebda cans li r-rikorrent jiddefendi ruhu u bir-rikorrent bla ebda rekord dixxiplinarju.

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi fuq nuqqas ta' ragunijiet tajba u sufficjenti u ghal daqstant fuq tkeccija ngusta.

It-Tribunal jaghraf lok ghal kumpens ghar-rikorrent li qed jigi stabbilit fl-ammont ta' elfejn u disa' mitt euro (€2,900.00) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata fiz-zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kap 452. tal-Ligijiet ta Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet dawn qed ffissati fl-ammont ta' erba u disghin euro (€94).

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip Mgt**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**

**Ghas-Segretarja**